**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)**

**ILLUM 31 TA' MEJJU 2017**

Il-Pulizija
(Spettur Luke Bonello)

Vs

Martin Carbonaro

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 305268m akkuzat talli nhar is-17 ta' Mejju 2014 ghall-habta tal-16.00pm u fis-sieghat ta' qabel, gewwa San Giljan u f'dawn il-Gzejjer:

1. ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak bi-ksur tal-Artikolu numru 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra Albert Zammit sabiex jingurjah idejqu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PC 1022 Joseph Cutajar u PC 901 Christopher Attard sabiex jingurjhom idejjaqhom jew jaghmillhom hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtortita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur ta'Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu u dan bi ksur ta' Artikolu 338 (ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Albert Zammit mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk kien ipprovokat jingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' Artikolu 339 (1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Albert Zammit ai termini tal-Artikolu 383 et sequitur tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

Ai termini tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali l-imputat ghandu jirrispondi ghal-offizi li jippotizzaw:

- l-ingurji jew theddid kontra ufficjali pubblici jew offizi fuq il-persuna taghhom;
- l-attakk jew resistenza kontra l-imsemmija ufficjali pubblici;
- numru ta' offizi kontravenzjonali li jistghaw talvolta jkunu assorbiti skond l-Artikolu 17(d) tal-Kap 9.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma:

Li fil-gurnata tas-17 ta' Mejju 2014 Pc901 u Pc1022 kellhom jintervjenu fuq rapport ta' sid l-hanut bl-isem 'Moore' ta' Paceville Avenue, Paceville, li b'telefonata l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan kien irraporta li persuna, li gharafha fl-imputat, kien qieghed jaghmel storbju. Kienu z-zewg pulizija li xehedu f'dawn il-proceduri li intervenew. Iz-zewg kuntestabbli stqarrew li raw lill-imputat ihebb ghall-Albert Zammit, sid il-hanut. Pc901 qal li huma , il-pulizija, kienu pruvaw ikellmu lill-imputat izda dan aggredihom billi beda jghati bis-sieq u bil-ponn. Iz-zewg pulizija xehdu li l-imputat kellu riha ta' xorb fuqu. Pc1022 qal li kien niezlu mal-art biex jaghmillu l-manetti minhabba li l-imputat kien qieghed jirresisti u jaghti bis-sieq u b'idejh.

L-imptat jinnega li attakka u irresista lill-Pulizija. Anzi bil-kuntrarju jghid li kienu l-pulizija li huma hu jghamlulu l-manetti refghu jdejhom fuqu. Intant, l-imputat stqarr li kien dahal fil-hanut 'de qua' biex jiehu flixkun birra u meta staqsa ghar-ricevuta sid il-hanut ma riedtx johrogielu.

Issa, m'ghandux ikun hemm dubbju, li kien ir-rifjut ta' sid il-hanut li johroglu ricevuta fiskali li inneskat ir-rejazzjoni tal-imputat u l-hebb minnu fuq sid il-hanut. L-agir tieghu pero' anka jekk lodevoli u b'rispett tal-ligi filli esiga ricevuta fiskali, m'hu ta' ebda soliev ghalih stante li jirrisulta mix-xhieda tal-kuntistabbli li huwa ghamel resistenza attiva u vjolenti kontra pulizija, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Fl-ambitu tal-Artikolu 62 tal-Kap 9, li tieghu l-imputat ser jigi misjub hati, l-Qorti wara l-emmedi li saru ghalih, m'ghandix diskrezzjoni hlief li ghandha timponi kemm il-prigunerija u kemm il-multa ta' mhux inqas minn €4,000.

Tiddecidi l-kawza billi issib l-imputat hati tat-tieni akkuza. Tilliberah mill-ewwel. Tapplika l-Artikolu 17(d) tal-Kap 9 rigward l-offizi kontravenzjonali. Tikkundanna lill-imputat sitt xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 ghandhom jibqaw sospizi ghal sena mill-lum u multa ta'€4,000.

A.M.Trigona
Magistrat.